MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2004

Numru 660/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Caruana**
v

**CLAYTON FALZON**
**FRANCOIS CUMBO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **CLAYTON FALZON** ta' wiehed u ghoxrin sena bin Joseph u Fatima nee Zammit, imwieled Pieta nhar t-tmintax ta' Marzu 1982 u joqghod 19, Guseppi D'Arena, Qrendi, detentur tal-karta tal-identita numru 181082M u **FRANCOIS CUMBO** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Emanuel u Rita nee Zerafa, imwieled Pieta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 1980 u residenti 46, 'Madonnina' Triq Napuljun, Zurrieq, detentur tal-karta tal-

identita numru 0393280M gew imressqa quddiemha akkuzati;
1. Talli fir-Rabat, nhar t-tnejn ta' Awissu 2003 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu, bil-hsieb li jikkommettu reat ta' serq ta' stereo mill-vettura tal-marka Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ROB 020, li kienet ipparkjata fejn Gianpula, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom, liema tentattiv ta' serq li kieku sehh, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Robert Cassar ;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara, gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe hsara fil-vettura tal-marka Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ROB 020, liema hsara komplessivament tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin izda ma teccedix l-hames mitt lira maltin ghad-dannu tal-istess Robert Cassar;

Lil **Francois Cumbo wahdu**

3. Talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-hdax ta' Gunju 2003.

4. Talli kiser il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata tnax ta' Marzu 2003 li biha kien gie misjub hati ta' reati w illiberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Rat d-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-ewwel ta' Ottubru 2003 a fol 13 tal-atti markat bhala dokument CSH 4 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan nhar l-

erbatax ta' Ottubru 2003 meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif jirrizulta a fol 14 u 15 tal-atti odjerni.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-fedina penali tal-imputati, l-istqarrija tal-imputati a fol 19 et seq tal-atti, s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Il-Pulizija v Robert Grech u Francois Cumbo markata bhala dokument FC a fol 30 tal-atti, kif wkoll sentenza ohra moghtija nhar t-tnax ta' Marzu 2003 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Il-Pulizija v Francois Cumbo a fol 42 tal-atti markata bhala dokument AC 3.

Semghet lil imputat Francois Cumbo jiddikjara fis-seduta tal-ewwel ta' Dicembru 2003 li kien qed jezenta lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq xhieda tal-identita ghar-rigward tas-sentenzi moghtija fil-konfront tieghu.

Semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2003, li z-zewg imputati hallsu sehmhom tal-ispejjes kagjonati lil Robert Cassar.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar l-erbatax ta' Ottubru 2003 xehed l-Ispettur Angelo Caruana** [fol 16 tal-atti] fejn qal li llum il-gurnata Robert Cassar m'ghadx ghandu pretenzjonijiet fil-konfront tal-imputat.

Illi **nhar l-erbatax ta' Ottubru 2003 xehed PS 1152 Manuel Saliba** [fol 26 tal-atti] fejn qal li fis-sitta w ghoxrin ta' Awissu 2003 ghall-habta tan-nofs siegha ta' filghodu, PC 468 Vella u PC 265 Ciangura li kienu qed jaghmlu patrol fl-area tar-Rabat, infurmawh li kienu arrestaw zewg zaghzagh u cioe z-zewg imputati, waqt li kienu qed jisirqu stereo minnn karozza tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ROB 020 waqt li kienet ipparkjata hdejn l-istabbiliment Gianpula. Huma innutaw li din il-vettura kellha hafna wires hergin mid-*dashboard* taghha u l-istereo maqlugh minn post. Meta huwa tkellem mal-

imputati dawn ammettew mieghu li kienu verament fethu l-karozza u li kienu ser jisirqu l-istereo qabel ma qabduhom il-Pulizija.

Illi **nhar l-ewwel ta' Dicembru 2003 xehed PS 20 Robert Cassar** [fol 34 tal-atti] fejn qal li l-vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ROB 020 kienet tieghu. Stqarr li nhar t-tnejn ta' Awissu 2003 waqt li kellu l-vettura ipparkjata hdejn l-istabbiliment Gianpula, ghall-habta tat-tlieta w nofs ta' filghodu ircieva telefonata mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn qalulu li kienu sabu xi nies jisgassaw il-vettura tieghu. Huwa ghalhekk hareg barra u sab li n-nies li sgassaw il-vettura tieghu kienu gia gew arrestati. Huwa nnota li l-vettura kienet miftuha u bl-istereo maqlugh minn postu u mitfugh bejn is-seats. Illi nhar d-dsatax ta' Jannar 2004, huwa esibixxa stima rilaxxjata mis-socjeta UCIM Co. dwar il-hsarat li sofra fil-vettura tieghu liema stima giet immarkata bhala dokument ST a fol 39 tal-atti processwali.

Illi **nhar d-dsatax ta' Jannar 2004 xehed PS 265 Kenneth Ciangura** [fol 44 tal-atti] fejn qal li waqt li kien qed jaghmel patrol hdejn il-parking area ta' hdejn l-istabbiliment Gianpula, ra liz-zewg imputati jippruvaw jifthu vettura tal-ghamla Fiat Punto. Huwa nnota li l-vettura kienet sgassata u l-istereo taghha kien diga mahrug 'l barra u ghalhekk deherlu li kellu jarresta liz-zewgt irgiel, l-imputati odjerni.

Illi l-imputati rrilaxxjaw stqarrija kull wiehed, esibiti fl-atti bhala dokument AC 1 a fol 19 et seq tal-atti dik tal-imputat Clayton Falzon u AC 2 a fol 22 et seq tal-atti dik tal-imputat Francois Cumbo.

Illi jirrizulta li l-imputat **Clayton Falzon jammetti** fl-istqarrija tieghu li kien sgassa flimkien ma Francois Cumbo, vettura tal-ghamla Fiat Punto w ipprova flimkien ma Francois Cumbo jisraq l-istereo li kien hemm fiha. Pero proprju f'dak il-hin gew il-Pulizija u xeghlu t-*torch* fuqhom u gew arrestati.

**Francois Cumbo ammetta** li dahal fil-vettura Fiat Punto pero jghid li ma lahaqx seraq l-istereo li kien hemm fiha, ghalkemm dik kienet l-intenzjoni tieghu.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju minn dawn il-provi li l-imptuati ghandhom jinstabu hatja tal-akkuza ta' attentat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa u talli kkagunaw hsara voluntarja fil-vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ROB 202 ghad-dannu ta' Robert Cassar.

Illi r-reat ta' danni voluntarji serva biss bhala mezz ghal fini u ghalhekk biss ghall-fini ta' piena ghandu jigi kompriz w involut fl-ewwel akkuza u dan ovvjament ghaliex il-hsara riskontrata kienet limitata biss ghal fatt tal-isgass fuq il-vettura li dahlu fiha.

Il-Qorti **nhar d-dsatax ta' Ottubru 2004 semghet l-Probation Officer Marietta Lanzon tixhed** [fol 55 tal-atti] fejn ikkonfermat li l-imputat Francois Cumbo ilu jigi segwit minnha bhala Ufficjal tal-Probation ghal din l-ahhar sena u ghalkemm gieli falla xi appuntament problemi per se, ma kelliex mieghu. Qalet li gieli talbitu jiehu testijiet tal-awrina ghal presenza ta' droga u dawn taw rizultat posittiv ghal tali presenza. Spjiegat li ghandu relazzjoni stabbli ma persuna u ghandu xoghol ghalkemm mhux ufficjali.

Illi dwar il-piena, il-Qorti ghalhekk rat l-fedina penali tal-imputat Clayton Falzon esibita a fol 3 tal-atti minn fejn jirrizulta li ghandu fedina penali nadifa minghajr ebda tebgha ta' kontravenzjoni fuqha u ghalhekk thoss li ghandu jigi trattat bhala *a first time offender*. Filwaqt li mill-fedina penali tal-imputat Francois Cumbo, esibita a fol 4 et seq tal-atti, jirrizulta li dan diga ksier dufrejh mal-ligi w instab hati ta' diversi akkuzi fosthom kontravenzjoni kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, serq aggravat u hsara voluntarja, izda dan nonostante, jidher li dan l-imputat ma tghallimx ghaliex rega' jinstab il-Qorti akkuzat b'istess tip ta' reati. Illi l-imputat Francois Cumbo diga nghata pieni ta' multa u sentenzi ta' prigunerija sospizi kif wkoll probation orders.

Ghalhekk minhabba f'dak premess, il-Qorti mhux ser tittratta mal-imputat Francois Cumbo bl-istess manjiera tal-ko-akkuzat l-iehor Clayton Falzon.

**Illi ghalhekk l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 325(b), 41(1)(a), 261(b)(f)(g), 263, 270, 271, 278 u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat CLAYTON FALZON** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu **u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sentejn mill-lum** ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward l-imputat **FRANCOIS CUMBO**, il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tal-erbgha akkuzi pero minhabba l-korroborazzjoni totali mal-Pulizija sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u ghamel tajjeb ghal hsarat sofferti minnu u minhabba l-eta relattivament zghira tieghu, w in vista ta' dak li qalet l-Ufficjal tal-Probation, din il-Qorti ma thossx li ghandha timponi piena karcerarja fuqu.

Illi ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tiddecidi billi ghal dak li jirrigwarda l-piena, li takkundanna lil imputat **FRANCOIS CUMBO**, fuq l-akkuzi kollha misjuba hati, **ghal hlas ta' multa ta' erbgha mitt lira maltin** u tordna ai termini tal-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap 9 li **l-ordni originali** moghti fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati nhar l-hdax ta' Gunju 2003 fejn il-piena karcerarja ta' sena kienet giet sospiza ghal sentejn u maghmula bis-sahha tas-sub artikolu 1 tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, minflok l-perjodu **operattiv hemm specifikat ta' sentejn, dan il-perjodu operattiv qed jigi estiz effettivament sa erbgha [4]snin mill-lum**.

Il-Qorti ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed taghti l-fakulta lil imputat jhallas il-multa nflitta llum permezz ta' din is-sentenza f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira maltin, b'dan li l-ewwel pagament dovut ikun sa mhux aktar tard mit-tletin ta' Novembru 2004 u fin-nuqqas, il-bilanc restanti jigi konvertit fi prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------